# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru Nru 167/2019

## tal-14 ta' Ġunju 2019

## li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2159]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/806 tat-22 ta' Mejju 2015 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-għamla tal-marka ta' fiduċja tal-UE għas-servizzi fiduċjarji kkwalifikati ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1505 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-formati tekniċi marbutin mal-listi ta' fiduċja skont l-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1506 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet marbutin mal-formati tal-firem elettroniċi avvanzati u tas-siġilli avvanzati li għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikoli 27(5) u 37(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/650 tal-25 ta' April 2016 li tistabbilixxi l-istandards għall-valutazzjoni tas-sigurtà ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem u siġilli skont l-Artikoli 30(3) u 39(2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(5) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 5la (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/709/KE) tal-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"5lb. **32015 R 0806**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/806 tat-22 ta' Mejju 2015 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet dwar il-forma tal-marka ta' fiduċja tal-UE għal servizzi fiduċjarji kwalifikati (ĠU L 128, 23.5.2015, p. 13).

5lc **32015 D 1505**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1505 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-formati tekniċi marbutin mal-listi ta' fiduċja skont l-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 26).

([1]) ĠU L 128, 23.5.2015, p. 13.
([2]) ĠU L 235, 9.9.2015, p. 26.
([3]) ĠU L 235, 9.9.2015, p. 37.
([4]) ĠU L 109, 26.4.2016, p. 40.

5ld **32015 D 1506**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1506 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet marbutin mal-formati tal-firem elettroniċi avvanzati u tas-siġilli avvanzati li għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikoli 27(5) u 37(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 37).

5le **32016 D 0650**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/650 tal-25 ta' April 2016 li tistabbilixxi l-istandards għall-valutazzjoni tas-sigurtà ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem u siġilli skont l-Artikoli 30(3) u 39(2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 109, 26.4.2016, p. 40)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/806, u tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1505, (UE) 205/1506 u (UE) Nru 2016/650 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 22/2018 tad-9 ta' Frar 2018 ([5]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2019.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([5]) ĠU L 323, 12.12.2019, p. 45.